



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' April 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0103 (COD)

8342/18
ADD 3

COMPET 245
CHIMIE 23
ENFOPOL 186
ENV 254
MI 288
ENT 77
UD 87
CODEC 634

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' April 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 105 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĦDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi, li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2018) 105 final.

Mehmuż: SWD(2018) 105 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.4.2018
SWD(2018) 105 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi, li jemenda l-Anness XVII
tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 dwar
it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi**

{COM(2018) 209 final} } - {SWD(2018) 104 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal Regolament dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi, li jemenda l-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata? <u>Massimu ta' 11-il linja</u>
Ir-Regolament 98/2013 jirregola t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prekursori tal-isplussivi (jiġifieri sustanzi kimiċi li jistgħu jiġu użati f'ħażin għall-manifattura ta' splussivi magħmulin id-dar (HME - homemade explosives). Filwaqt li r-Regolament naqqas id-disponibbiltà tal-prekursori tal-isplussivi għall-membri tal-pubbliku ġenerali u tejjeb ir-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi, l-evalwazzjoni wriet li l-għanijiet prinċipali kienu biss parzjalment milfuqa. Għad hemm żewġ problemi importanti. L-ewwel nett, il-prekursori tal-isplussivi għadhom qed jintużaw f'ħażin għall-manifattura tal-HMEs, li jhedded is-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE. It-tieni nett, l-operaturi ekonomiċi għadhom jiffaċċjaw ostakli mhux meħtieġa għall-moviment liberu ta' dawn is-sustanzi fis-suq intern. Dawn il-problemi huma riżultat ta': (i) livell ta' restrizzjoni mhux adegwat, (ii) theddidiet ġodda u li qed jevolvu, (iii) għarfien insuffiċjenti tul il-katina ta' provvista, (iv) in-nuqqas ta' applikazzjoni effettiva u l-infurzar ta' kontrolli eżistenti, (v) frammentazzjoni tas-sistema ta' restrizzjoni u ta' kontroll, u (vi) in-nuqqas ta' ċarezza fir-Regolament. Mingħajr l-intervent tal-Unjoni, il-problemi huma mistennija li jippersistu.
X'mistenni tikseb din l-inizjattiva? <u>Massimu ta' 8 (tmien) linji</u>
Billi tkompli tirrestrinġi l-aċċess għal ċerti prekursori tal-isplussivi u ssaħħaħ il-kontrolli, tallinja r-restrizzjonijiet mat-theddida li qed tevolvi, iżżid l-infurzar mill-awtoritajiet kompetenti, u tejjeb it-trażmissjoni tal-informazzjoni tul il-katina tal-provvista kollha, l-inizjattiva għandha l-għan li tipprevjeni l-użu f'ħażin ta' prekursori tal-isplussivi u jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà. It-tliet tas-suq intern se jiġi msaħħaħ billi jiġi ffaċilitat il-kummerċ intra-UE u l-prevenzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, kif ukoll permezz ta' kjarifika tar-Regolament u l-applikazzjoni uniformi tar-regoli.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE? <u>Massimu ta' seba' (7) linji</u>
Minħabba n-natura transnazzjonali tal-problemi, l-azzjoni tal-UE hija meħtieġa. Saru attakki b'HMEs fid-diversi Stati Membri u t-theddida għadha għolja. Jekk it-terroristi jiksibu prekursori fi Stati Membri b'anqas restrizzjonijiet / anqas kontrolli, huma jkunu jistgħu jużawhom biex jikkommettu attakki kullimkien. Din il-prattika tista' tiġi evitata biss jekk l-Istati Membri jarmonizzaw is-sistemi ta' kontroll tagħhom u jinfurzaw ir-regoli b'mod uniformi. L-ostakli u l-inċertezzu li jħabbtu wiċċhom magħhom l-operaturi ekonomiċi huma r-riżultat ta' sistemi ta' restrizzjoni u kontrolli frammentati u nuqqas ta' ċarezza fir-Regolament. Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu solvuti biss billi jiġu armonizzati l-liġijiet tal-Istati Membri u jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti, li jista' isir biss fil-livell tal-UE.

B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm xi għażla ppreferuta jew le? Għaliex? <u>Massimu ta' erbatax-il linja</u>
Ġew ikkunsidrati l-għażliet ta' politika li ġejjin: • Għażla ta' politika 0 (Linja bażi) — Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti dwar il-Prekursori (SCP - Standing Committee on Precursors), se tkompli timmonitorja u tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament; • Għażla ta' Politika 1 (Mhux leġiżlattiva) — Li tissaħħaħ l-applikazzjoni tar-Regolament b'miżuri mhux leġiżlattivi; • Għażla ta' Politika 2 (Reviżjoni leġiżlattiva tal-qafas eżistenti) — Żieda tal-effettività u l-effiċjenza ta' restrizzjonijiet, l-infurzar mill-awtoritajiet pubbliċi, u l-konformità tal-katina tal-provvista; • Għażla ta' Politika 3 (Tibdil leġiżlattiv radikali għall-qafas attwali) — Introduzzjoni ta' aktar kontrolli tul il-katina tal-provvista. Wara li ġew analizzati u mqabbla l-għażliet differenti, l-għażla ta' politika 2 ġiet identifikata bħala l-għażla ta' politika preferuta. Din l-għażla tindirizza kemm il-problemi identifikati u tikkontribwixxi għall-oġettivi ġenerali u speċifiċi identifikati. Barra minn hekk, il-miżuri proposti jsaħħu u jiċċaraw il-qafas legali eżistenti, mingħajr ma jintmessu l-karatteristiċi essenzjali. Billi r-Regolament eżistenti laħaq mill-anqas parzjalment l-oġettivi ewlenin tiegħu, reviżjoni totali tidher li mhix meħtieġa.

Liema għażla u min jappoġġaha? <u>Massimu ta' seba' (7) linji</u>
L-għażla ta' politika 2 hija l-għażla ta' politika preferuta ta' gruppi tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati kollha (jiġifieri l-manifatturi, il-bejjiegħa bl-imnut, il-membri tal-pubbliku ġenerali, l-awtoritajiet pubbliċi). Xi miżuri jirċievu aktar appoġġ minn xi gruppi ta' partijiet ikkonċernati minn oħrajn, iżda b'mod ġenerali l-partijiet ikkonċernati jaqblu. L-għażla ta' politika 2 tista' tiġi kkombinata ma' ċerti miżuri mhux leġiżlattivi previsti mill-għażla politika 1. L-għażla ta' politika 1 waħidha hija meqjusa bħala insuffiċjenti, billi l-għażla ta' politika 3 hija ġeneralment meqjusa bħala sproporzjonata u għolja wisq biex tiġi implimentata.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? <u>Massimu ta' tnax-il linja</u>
L-għażla ta' politika 2 tissodisfa l-għanijiet ġenerali tal-inizjattiva fil-biċċa l-kbira kollha u tikkontribwixxi b'mod ugwali għall-għanijiet speċifiċi orjentati lejn is-sigurtà u marbuta mas-suq intern. L-impatti soċjali tal-miżuri ta' politika proposti għandhom jkunu pożittivi, partikolarment fir-rigward tas-saħħa pubblika u l-opportunitajiet ġodda ta' impjieg fis-settur tar-riċerka u l-iżvilupp minħabba hteġa għal prodotti alternattivi u prodotti b'konċentrazzjonijiet iktar baxxi ta' sustanzi ristretti. Billi l-impatt ekonomiku totali ġenerali kien ikun negattiv, l-għażla ta' politika 2 ikollha impatt pożittiv fuq il-kompetizzjoni u toħloq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-manifatturi. L-ebda impatti ambjentali pożittivi mhuma mistennija.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? <u>Massimu ta' tnax-il linja</u>
L-għażla ta' politika 2 ikollha ftit impatt ekonomiku negattiv. Il-gruppi ewlenin affettwati huma l-konsumaturi (għażla mnaqqsa tal-prodotti) u l-produtturi (konsum imnaqqas u domanda għal prodotti ristretti). Minħabba d-daqs tas-suq għal membri tal-pubbliku ġenerali, mhux se jkun hemm impatt sinifikanti fuq id-dħul mill-bejgħ għas-settur tal-kimika b'mod kumplessiv. L-impatti ambjentali preċiżi huma diffiċli li jiġu stmati, iżda ċ-ċaqliq potenzjali għal sustanzi li huma inqas favur l-ambjent u l-użu ta' kwantitajiet akbar tal-istess prodott f'konċentrazzjonijiet aktar baxxi se jkollhom impatt negattiv fuq l-ambjent. Jekk il-konsumaturi jużaw kwantitajiet ikbar, dan ikun jnvolvi wkoll żieda fl-imballaġġ u t-trasport. F'termini ta' impatti soċjali, il-miżuri proposti se jaffettwaw b'mod negattiv ċerti konsumaturi mhux professjonali tal-prekursuri tal-isplussivi, li jużaw dawn is-sustanzi għal rikreazzjoni jew attivitajiet domestiċi. L-impatt eżatt se jiddependi fuq is-sustanza kkonċernata u fuq l-alternattivi disponibbli.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi? <u>Massimu ta' tmien (8) linji</u>
Il-miżuri proposti se jkollhom impatt ikbar fuq kumpaniji li jispeċjalizzaw fil-provvista ta' prekursori tal-isplussivi (ikkonċentrati ħafna) ristretti meta mqabbla ma' intrapriżi li jbigħu firxa usa' ta' prodotti, inklużi sustanzi alternattivi. Huwa mistenni li l-miżuri għandhom impatt ikbar fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi, li sikwit ikollhom volumi ta' bejgħ iżgħar u jista' ma jkollhomx il-kapaċità li jiddiversifikaw l-offerta tal-prodotti tagħhom. Madankollu, il-miżuri se jkollhom jiġu applikati b'mod sħiħ biex jiżguraw livell għoli ta' sigurtà.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? <u>Massimu ta' erba' (4) linji</u>
Filwaqt li l-għażla ta' politika ppreferuta se żżid l-ispejjeż u l-piż amministrattiv tal-awtoritajiet nazzjonali, il-miżuri proposti mhumex se jkollhom impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? <u>Massimu ta' sitt (6) linji</u>
L-għażla ta' politika 2 ikollha impatt marġinali fuq id-drittijiet fundamentali. Il-miżuri proposti se jkollhom xi ftit impatt negattiv fuq il-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika? <u>Massimu ta' erba' (4) linji</u>
Sentejn wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta s-sitwazzjoni attwali tal-inizjattiva. Evalwazzjoni formali dwar l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-qafas se titwettaq sitt snin wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni.